# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 21 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 53.**
**Citazz. Nru. 1965/99 JRM**

**ALLIED NEWSPAPERS LIMITED**

**vs**

**COLOUR CHART COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' ghaxart elef, u hamsa u tmenin liri maltin u sittin centezmu (Lm10085.60) konsistenti fil-bilanc tal-prezz ta' servizzi ta'

reklamar, liema servizzi gew rezi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu specifiku ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' ghaxart elef u hamsa u tmenin liri maltin u sittin centezmu (LM10,085.60) konsistenti fil-bilanc tal-prezz ta' servizzi ta' reklamar, kif intqal aktar 'il fuq; u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-istess somma ta' ghaxart elef u hamsa u tmenin liri maltin u sittin centezmu (LM10,085.60);

Bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dan l-att ta' citazzjoni, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata;

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta' Settembru, 2000, li permezz tieghu l-kawza giet ri-appuntata ghas-seduta tallum;

Rat li c-Citazzjoni debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li ma ressqet l-ebda kontestazzjoni ghat-talbiet attrici, u ghalhekk baqghet kontumaci;

Rat in-nota tas-Socjeta' attrici pprezentata waqt is-smigh tal-kawza llum stess li permezz taghha hija cediet it-talbiet attrici minhabba hlas min-naha tas-socjeta' konvenuta fiz-zmien li l-kawza kienet qeghda tinstama', izda zammet fis-sehh it-talba taghha ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-ispejjez tal-kawza;

Rat l-atti tal-kawza;

Billi kull hlas li seta' sar mis-socjeta' konvenuta wara l-jum li giet prezentata c-Citazzjoni jfisser li s-socjeta' attrici kellha ragun tagixxi gurizzjarjament, u billi ma ntweriet l-ebda prova kuntrarja ghall-fatt li l-bilanc mitlub fic-Citazzjoni thallas wara li bdiet il-kawza;

**Il-Qorti taqta' u tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta** thallas l-ispejjez tal kawza, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru, 2000.**